**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 21

Citazzjoni Numru 1073/01 GC

Fl-ismijiet:-

Francis Busuttil & Sons Limited

vs

Adrian Pisani

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, seba' mija u tnax-il ira u wiehed u sebghin centezmu (Lm6712.71);

Illi nonostante s-sejha ghall-hlas debitament maghmula il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghall-hlas ta' dan id-debitu li hu cert likwidu u dovut.

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

(1) Prevja d-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm6712.71.

Bl-ispejjez u imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Imhallef

Dep. Reagistratur